

Brussell, 20 ta' Lulju 2015
(OR. en)

10897/15

COHOM 81
CFSP/PESC 399
COSCE 5
FREMP 160
INF 132
JAI 562
RELEX 604
DEVGEN 132
CONUN 142

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Lulju 2015
Nru. dok. preċ.:	10875/15 COHOM 80 CFSP/PESC 395 COSCE 4 FREMP 158 INF 131 JAI 558 RELEX 597 DEVGEN 131 CONUN 141
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015 - 2019

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015 - 2019 kif adottati mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PJAN TA' AZZJONI DWAR ID-
DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA 2015 - 2019**

Kunsill Affarijiet Barranin, 20 ta' Lulju 2015

1. Waqt li jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta "*Inżommu d-drittijiet tal-bniedem fiċ-ċentru tal-aġenda tal-UE*", kif ippreżentata mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill jadotta Pjan ta' Azzjoni għdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija għall-perijodu 2015-2019. B'dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kunsill jirriafferma l-impenn tal-Unjoni Ewropea li tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem u li tappoġġa d-demokrazija fid-dinja kollha.
2. Abbażi tal-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni 2012-2014, l-Unjoni Ewropea għamlet progress konsiderevoli fit-titjib tal-impatt u l-koerenza tal-azzjonijiet tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. L-UE kompliet tiżviluppa linji gwida dwar punti kruċjali relatati mad-drittijiet tal-bniedem, għamlet il-ħidma bilaterali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija aktar effettiva, irnexxielha tippromwovi l-azzjoni fil-livell multilaterali, u tejbet l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni kollha esterna tal-UE. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħidma importanti tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem Stavros Lambrinidis, li jikkontribwixxi ħafna għall-effikaċja, il-koerenza u l-viżibbiltà tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, u jesprimi appoġġ politiku sħiħ għall-ħidma tiegħu.

3. Il-kriżijiet kumplessi u l-ksur u l-abbuż estensiv tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-lum il-ġurnata jeħtieġu sforzi dejjem aktar determinati mill-UE. Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jippermetti lill-UE tindirizza dawn l-isfidi b'azzjoni aktar iffukata, użu sistematiku u kkoordinat tal-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħha, u titjib tal-impatt tal-politiki u l-ġhodod tagħha fuq il-post. L-UE ser tagħmel enfasi speċjali fuq is-sjeda ta', u l-kooperazzjoni ma', l-istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi lokali, inklużi l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll is-soċjetà ċivili. L-UE ser tippromwovi l-prinċipji tan-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. L-UE ser tiżgura wkoll approċċ komprensiv għad-drittijiet tal-bniedem fil-prevenzjoni u l-indirizzar ta' kunflitti u kriżijiet, u tkompli tintegra d-drittijiet tal-bniedem fl-aspetti esterni tal-politiki tal-UE sabiex tiżgura koerenza politika aħjar, b'mod partikolari fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-kummerċ u l-investment, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

4. L-UE tibqa' impenjata favur l-implimentazzjoni tal-aġenda sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kif hemm rifless fil-Qafas Strateġiku tal-2012 għad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li jkompli jiggwida l-azzjonijiet tal-Unjoni, u fil-linji gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, f'Konklużjonijiet tal-Kunsill u dokumenti strateġiċi. L-UE ser tkompli tippromwovi u tiddefendi l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet kollha tal-bniedem fi sħubija mal-pajjiżi mir-reġjuni kollha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali, u mas-soċjetà ċivili. L-UE ser iżżid l-isforzi tagħha biex tippromwovi ambjent sigur u abilitanti fejn is-soċjetà ċivili u l-mezzi tax-xandir indipendenti jistgħu jirnexxu. L-UE tenfasizza l-kontribut importanti li l-atturi tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jagħtu lill-paċi u s-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità.

5. Il-Kunsill ifaħħar ir-rwol importanti tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President u tal-Kummissjoni Ewropea fil-promozzjoni ta' implimentazzjoni konsistenti u koerenti tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-Pjan ta' Azzjoni ser jiġi implimentat bl-involviment mill-qrib tal-Parlament Ewropew u b'konsultazzjoni regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-UE hija impenjata li ttejjeb id-diplomazija pubblika u l-komunikazzjoni dwar l-azzjonijiet tagħha favur id-drittijiet tal-bniedem. Fl-2017 ser isir rieżami intermedju tal-Pjan ta' Azzjoni li ser jikkoinċidi mar-rieżami intermedju tal-istrumenti ta' finanzjament estern sabiex tiġi żgurata koerenza akbar. Il-Kunsill jistieden lis-sħab kollha biex jikkontribwixxu għas-suċċess ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni u biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija madwar id-dinja.

Anness: Pjan ta' Azzjoni

PJAN TA' AZZJONI TAL-UE DWAR ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U DEMOKRAZIJA

L-iskop ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa li jkompli jimplimenta l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, b'biżżejjed flessibbiltà sabiex ikun jista' jwieġeb għall-isfidi ġodda li jinqalgħu. Huwa jibni fuq il-korp eżistenti ta' drittijiet tal-bniedem tal-UE u politiki ta' appoġġ għad-demokrazija fl-azzjoni esterna tal-UE¹, b'mod partikolari l-linji gwida tal-UE, settijiet ta' għodda u pożizzjonijiet maqbula oħra, u d-diversi strumenti ta' finanzjament estern, b'mod partikolari l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jkopri aspetti tad-drittijiet tal-bniedem rilevanti tal-azzjoni esterna tal-UE.

Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni, huwa importanti li l-istituzzjonijiet Ewropej **jaħdmu flimkien**, filwaqt li jirrispettaw ir-rwoli istituzzjonali u l-kompetenzi distinti tagħhom, u li, fejn xieraq, il-Pjan ta' Azzjoni jiġi implimentat mill-Istati Membri. Ir-responsabbiltà li jwettqu l-azzjonijiet elenkati hija tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President assistit mis-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna (SEAE), u flimkien mal-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri, fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom kif definiti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea². Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, f'konformità mal-mandat tiegħu. Il-Pjan ta' Azzjoni jkopri l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2019 u l-implimentazzjoni tiegħu ser tiġi riveduta fl-2017.

¹ Mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti speċifiċi għal pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali skont il-politika ta' tkabbir tal-UE.

² Deċiżjonijiet dwar passi speċifiċi biex jiġi implimentat dan il-Pjan ta' Azzjoni ser jittieħdu f'konformità mat-Trattati. Il-Pjan ta' Azzjoni ma jaffettwax id-diviżjoni tal-kompetenza bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, u ser jiġi interpretat f'konformità mad-Dikjarazzjoni 13 tat-Trattati.

Abbozz ta' tabella ta' Pjan ta' Azzjoni Ġdid dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019)

Objettiv	Azzjoni	Skeda	Responsabbiltà
I. TISĦIĦ TAS-SJIEDA TA' ATTURI LOKALI			
<i>a) Għoti ta' appoġġ komprensiv lill-istituzzjonijiet pubbliċi</i>			
1. L-appoġġ għall-kapaċità tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRIs)	a. Ir-rikonoxximent u l-appoġġ tar-rwol kruċjali tal-NHRIs bħala istituzzjonijiet indipendenti u l-affermazzjoni tal-impenn tal-UE li tappoġġa u tinvolvi ruħha b'mod partikolari ma' dawk l-istituzzjonijiet li huma konformi mal-Prinċipji ta' Pariġi; il-ħidma għat-tishiĥ tal-involviment ta' NHRIs bħal dawn fi proċessi ta' konsultazzjoni fil-livell tal-pajjiż, b'mod partikolari rigward Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u r-riformi ta' pajjiżi terzi.	Għaddejnin bħalissa	Is-servizzi tal-Kummissjoni (COM), is-SEAE, l-Istati Membri (SM)
	b. It-tishiĥ, fil-kuntest tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni Internazzjonali tal-NHRIs, tal-kapaċitajiet ta' dawk bi status 'A', l-appoġġ għat-titjib ta' dawk bi status 'B' għal status 'A' u l-kooperazzjoni man-netwerks reġjonali u internazzjonali tagħhom; il-ħidma fuq dawn il-kwistjonijiet għandha tikkontribwixxi fil-perijodu ta' programmar ta' nofs it-terminu li jmiss tal-Istrumenti ta' Finanzjament Estern tal-UE.	Sal-2017	COM, SEAE, SM
	c. Il-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn NHRIs fl-Istati Membri tal-UE u NHRIs f'pajjiżi sħab.	Għaddejnin bħalissa	SM, COM

2. L-appoġġ għall-integrità tal-proċessi elettorali u t-tiżni tal-Korpi ta' Ġestjoni tal-Elezzjonijiet	a. It-tiżni tar-rwol u l-kapaċità tal-Korpi ta' Ġestjoni Elettorali, u l-fiduċja tal-pubbliku fihom, biex jorganizzaw b'mod indipendenti u effettiv elezzjonijiet kredibbli, inklużivi u trasparenti, b'mod partikolari permezz ta' djalogu dedikat imsaħħa u strateġija ta' appoġġ fit-tul bl-għan li tiġi promossa l-integrità tal-proċessi elettorali.	Għaddejjin bħalissa	COM, SEAE, SM
	b. L-inkoraġġiment ta' djalogu parteċipatorju u inklużiv bejn il-Korpi ta' Ġestjoni tal-Elezzjonijiet u partijiet ikkonċernati ewlenin matul iċ-ċiklu demokratiku ġenerali, bil-ħsieb li tiżdied il-parteeipazzjoni tal-partiti politiċi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-aċċess tagħhom għall-informazzjoni u l-osservazzjoni tagħhom tal-istadji kollha tal-proċess elettorali; it-tiżni tat-taħriġ ta' osservaturi ta' elezzjonijiet domestiċi.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	c. L-inkoraġġiment ta' aktar parteċipazzjoni tan-nisa u ta' persuni li jappartjenu għal gruppi marġinalizzati fl-istadji kollha tal-proċess elettorali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
3. L-appoġġ tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet Parlamentari	a. L-appoġġ għall-iżvilupp ta' prerogattivi legiſlattivi, baġitarji u ta' sorveljanza tal-parlamenti, l-għajnuna lill-parlamenti fl-organizzazzjoni ta' dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet ewlenin ta' riforma filwaqt li jitqiesu kif dovut l-obbligi u l-istandards internazzjonali rilevanti marbuta mad-drittijiet tal-bniedem.	Għaddejjin bħalissa	COM, SEAE, SM
	b. L-inklużjoni ta' dimensjoni parlamentari fil-programmi ta' governanza tajba u l-appoġġ baġitarju tal-UE u l-Istati Membri tal-UE.	Sal-2017	COM, SEAE, SM

4. L-appoġġ immirat għas-sistemi tal-ġustizzja	a. L-akkumpanjament tar-riforma ġudizzjarja (kemm kriminali kif ukoll ċivili) bit-taħriġ adatt tal-professjoni legali sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar standards u obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; l-appoġġ għar-riforma tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, inkluż permezz ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem, u l-assistenza għall-faċilitajiet ta' detenzjoni biex il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni jsiru konformi mal-istandards internazzjonali.	Sal-2017	SEAE, COM, SM
	b. Il-monitoraġġ u l-promozzjoni fil-livell bilaterali u multilaterali tal-konformità minn pajjiżi sħab tal-obbligi internazzjonali tagħhom f'termini ta' aċċess għall-ġustizzja u għal proċess ġust fl-istadji kollha tal-proċess legali; il-mobilizzazzjoni kif xieraq ta' kooperazzjoni teknika u ta' appoġġ; il-promozzjoni tal-indipendenza tal-ġudikatura; il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja fil-livell lokali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
5. L-għoti ta' appoġġ komprensiv lill-istituzzjonijiet pubbliċi	a. Jitkompli t-tishiġ tal-governanza tajba u l-istat tad-dritt permezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tas-setgħat, l-indipendenza u r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet demokratiċi; il-promozzjoni tar-rwol ta' atturi domestiċi fil-proċessi ta' riforma, inkluż riformi kostituzzjonali, sabiex jiġu riflessi aħjar l-interessi ta' diversi partijiet ikkonċernati.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	b. Il-promozzjoni tal-istabbiliment ta' korpi speċjalizzati fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni li jżommu lill-istituzzjonijiet pubbliċi responsabbli; it-tishiġ tal-kapaċità u l-kompetenza esperta tal-amministrazzjoni pubblika u l-korpi kontra l-korruzzjoni biex jiġu żviluppati u implimentati politiki b' integrità u ġestjoni tajba tar-riżorsi pubbliċi.	Għaddejjin bħalissa	COM, SEAE, SM
6. It-tishiġ tal-kooperazzjoni man-NU u ma' mekkaniżmi reġjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-demokrazija	a. It-tishiġ tal-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-kooperazzjoni tal-UE man-NU u ma' organizzazzjonijiet u mekkaniżmi reġjonali, b'mod partikolari billi jiġu segwiti s-sinerġiji u inizjattivi komuni fuq kwistjonijiet tematiċi ċentrali u f'avvenimenti multilaterali importanti.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM
	b. Il-promozzjoni ta' dialogu u ta' inizjattivi għall-bini tal-kapaċitajiet bejn mekkaniżmi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija reġjonali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM

b) It-tigdid tas-soċjetà ċivili			
7. Il-promozzjoni ta' sħubija aktar b'saħħitha ma' Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSĊ) ta' pajjiżi terzi, inklużi s-sħab soċjali u bejn l-awtoritajiet, il-parlamenti u OSĊ	a. L-iffaċilitar u l-appoġġ ta' skambji strutturati, fost l-oħrajn permezz tal-iskambju tal-aħjar prattika u t-tagħlimiet meħuda, bejn il-gvern, membri tal-parlament u s-soċjetà ċivili, inklużi r-rappreżentanti tas-sħab soċjali.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
	b. Aktar tisħiħ tal-kapaċità tal-OSĊ biex iżommu lill-gvernijiet responsabbli, inkluż permezz ta' skambji tal-aħjar prassi fost l-OSĊ u permezz tal-promozzjoni ta' djalogu bejn diversi partijiet ikkonċernati u d-drittijiet tal-bniedem u l-edukazzjoni ċivika.	Għaddejnin bħalissa	COM, SEAE, SM
	c. It-titjib tal-kwalità tal-konsultazzjonijiet organizzati mill-UE fil-livell lokali, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu kkunsidrati l-fehmiet tas-soċjetà ċivili meta jiġu mfasstin u implimentati l-politiki; l-inkoraġġiment ta' djalogi bejn diversi partijiet ikkonċernati (l-awtoritajiet, l-OSĊ, l-UE u atturi oħra) bħala parti mill-pjanijiet direzzjonali tal-pajjiżi tad-Delegazzjonijiet tal-UE (EU DELs) għal involviment mas-soċjetà ċivili.	Għaddejnin bħalissa	COM, SEAE, SM
	d. L-involviment tal-UE mal-partiti politiċi u l-movimenti taċ-ċittadini jiżdied sabiex jissaħħu l-pluraliżmu politiku u r-rwol tal-partiti fit-trawwim ta' istituzzjonijiet u prattiki responsabbli, kif ukoll proċessi ta' riforma nazzjonali inklużivi.	Għaddejnin bħalissa	COM, SEAE, SM
8. L-abilitazzjoni tal-OSĊ li jiddefendu d-drittijiet tan-nisa u l-bniet	L-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tan-nisa u d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) fil-ħidma u fid-difiża tagħhom għad-drittijiet tan-nisa u l-bniet, u l-inkoraġġiment biex ikollhom rwol aktar b'saħħtu biex iżommu lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli rigward kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa; l-inkoraġġiment ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jinvolvu ruħhom fi djalogu ma' organizzazzjonijiet tan-nisa u DDB.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM

9. It-tiŝiħ tal-appoġġ għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB), inkluż f'fora internazzjonali u reġjonali	a. It-titjib ta' appoġġ konsistenti għal DDB billi: jitqajmu każijiet ta' DDB f'riskju inkluż matul żjarat, djalogi u missjonijiet ta' livell għoli; l-indirizzar tal-impunità f'każijiet ta' ksur kontra DDB; iż-żieda fil-kondiviżjoni tal-piżijiet u l-koordinazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri dwar attivitajiet ta' protezzjoni ta' DDB; il-kondiviżjoni tal-aħjar prassi dwar mekkaniżmi rilevanti inkluż skemi ta' kenn temporanju u viżi ta' emerġenza; it-tkomplija tal-appoġġ u l-kooperazzjoni man-NU u mekkaniżmi reġjonali għall-protezzjoni ta' DDB; it-tiŝiħ tal-appoġġ għal inizzjattivi multilaterali dwar DDB u l-isparju tas-soċjetà ċivili, inkluż fin-NU u l-organizzazzjonijiet reġjonali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
	b. L-iżgurar ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni aktar frekwenti f'żoni rurali, u appoġġ aktar sistematiku għal DDB li jaħdmu fuq id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet ta' persuni LGBTI, u dawk li jippromwovu d-drittijiet u l-inklużjoni ta' persuni li jappartjenu għal gruppi marġinalizzati.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
10. L-indirizzar tat-theddid għall-isparju tas-soċjetà ċivili	a. Il-promozzjoni u l-appoġġ għal leġislazzjoni, politiki u mekkaniżmi mfasslin biex jipproteġu lid-DDB; b'mod partikolari, it-tiŝiħ u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida rilevanti tal-UE u l-Mekkaniżmu tal-UE għad-DDB inniedi taħt l-EIDHR.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill, SM
	b. Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-ambjent legali (eż. liġijiet u regolamenti) u l-ambjent abilitanti (eż. proċeduri arbitrarji, fastidju jew restrizzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari rigward il-finanzjament barrani) għas-soċjetà ċivili inklużi s-sħab soċjali u l-identifikazzjoni u r-rappurtar b'mod proattiv ta' theddid għall-isparju tas-soċjetà ċivili, inklużi rappreżalji, u t-teħid ta' passi biex jiġi miġġieled theddid bħal dan.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM

	c. L-oppożizzjoni permezz ta' messaġġi pubbliċi jew mhux pubbliċi tar-restrizzjonijiet mhux ġustifikati għal-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, l-għeluq tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u t-tentattivi li tiġi mfixkla l-ħidma tas-soċjetà ċivili, inklużi DDB, bħall-kriminalizzazzjoni ta' DDB, waqt li jiġi żgurat li dawn il-kwistjonijiet jitqajmu b'mod regolari f'laqgħat bilaterali, djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, u n-NU u fora reġjonali.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
II. L-INDIRIZZAR TAL-ISFIDI GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM			
11. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà ta' espressjoni online u offline	a. L-oppożizzjoni – bilateralment kif ukoll f'fora multilaterali u reġjonali – ta' leġislazzjoni, regolamentazzjoni jew pressjoni governattiva li tillimita l-libertà ta' espressjoni b'mod mhux mistħoqq; it-teħid ta' passi attivi għall-prevenzjoni u bħala reazzjoni għal vjolenza kontra ġurnalisti, bloggers u atturi oħra tal-mezzi tal-informazzjoni, biex ikunilhom possibbli li jaħdmu fis-sikurezza u s-sigurtà, online kif ukoll offline mingħajr biża ta' fastidju, pressjoni politika, ċensura u persekuzzjoni; l-appoġġ għall-isforzi biex jissaħħu mezzi tal-informazzjoni ħielsa, varjati u indipendenti.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
	b. L-iżgurar li r-rispett għal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni jkunu integrati fl-iżvilupp ta' politiki u programmi relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, iċ-ċibersigurtà, il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, l-aċċess għall-informazzjoni u politiki oħra tal-UE f'dan ir-rigward.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill, SM
	c. Il-promozzjoni ta' djalogu, kemm bilateralment kif ukoll f'fora multilaterali, dwar id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data; ħidma biex jiġi żgurat li l-leġislazzjoni u l-proċeduri tal-Istati rigward is-sorveljanza ta' komunikazzjonijiet iħarsu l-obbligi skont il-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM

12. Il-Promozzjoni u l-Protezzjoni tal-Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin	a. L-iżgurar li l-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin tibqa' fil-quċċata tal-aġenda tar-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi, kif ukoll f'fora multilaterali, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' partijiet ikkonċernati rilevanti; il-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prassi, u l-approfondiment tal-għarfien dwar id-diversi komponenti tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin fil-Kwartieri Ġenerali, id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri.	Sal-2017	SEAE, COM, SM
	b. L-inkoraġġiment u l-appoġġ lill-pajjiżi sħab rilevanti u partijiet ikkonċernati oħra f'inizjattivi dwar il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, b'mod partikolari dawk immirati lejn il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi, li jagħmlu possibbli li dawn jixhdu r-reliġjon jew it-twemmin tagħhom mingħajr biża' ta' vjolenza, diskriminazzjoni, pressjoni politika, ċensura jew persekuzzjoni.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
	c. Il-promozzjoni ta' djalogu interkulturali u interreliġjuż u r-rwol ta' mexxejja reliġjużi u mexxejja oħra fl-iżgurar tal-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin.	Sal-2017	SEAE, COM, SM
13. Il-ġlieda kontra t-tortura, it-trattament ħażin u l-piena tal-mewt	a. L-indirizzar tat-tortura u t-trattament ħażin (prevenzjoni, responsabbiltà u riabilitazzjoni), u l-piena tal-mewt (abolizzjoni, moratorju u standards minimi) b'mod komprensiv permezz ta' djalogi politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem u l-appoġġ għal pajjiżi sħab, mekkaniżmi ta' prevenzjoni nazzjonali indipendenti; l-integrazzjoni ta' salvagwardji kontra l-piena tal-mewt, it-tortura u t-trattament ħażin f'attivitajiet tal-UE, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u fl-immaniġġjar tal-kriżijiet.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
	b. L-elaborazzjoni ta' approċċ koerenti li jindirizza r-rabtiet bejn il-piena tal-mewt, it-tortura u t-trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti, l-eżekuzzjonijiet ekstra-ġudizzjarji mgħaġġla jew arbitrarji, l-għajbien sfurzati u l-arrest u d-detenzjoni arbitrarji.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill, SM

	c. It-teħid ta' azzjonijiet konġunti għall-promozzjoni tal-projbizzjoni assoluta tat-tortura permezz ta' ħidma b'kooperazzjoni mill-qrib man-NU, organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili, inkluż l-appoġġ tal-inizjattiva globali ta' 10 snin (Inizjattiva għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura), biex jinkisbu r-ratifika u l-implimentazzjoni globali tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura (CAT) sal-2024; il-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Protokoll Fakultattiv tagħha (OPCAT), u t-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, bil-għan tal-abolizzjoni tal-piena tal-mewt.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
14. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tan-nisa, l-abilitazzjoni u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet	a. Intensifikazzjoni tal-implimentazzjoni tal-obbligi u l-impenji tad-drittijiet tan-nisa magħmula f'CEDAW, fil-qafas tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, fid-Dikjarazzjoni tal-Kajr dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u fl-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
	b. Fil-kuntest tal-azzjoni esterna u l-kooperazzjoni tal-UE għall-iżvilupp, l-għoti ta' prijorità għal azzjonijiet immirati lejn, fost oħrajn, il-protezzjoni tal-integrità fiżika u psikoloġika tan-nisa u l-bniet permezz ta' attivitajiet li jgħinu fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-libertà mill-vjolenza b'attenzjoni speċjali għat-tmiem tal-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (MĠF), iż-Żwieġ Prekoċi u Furzat tat-Tfal, il-vjolenza sessista u sesswali f'konflitt; id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tagħhom u l-vuċi u l-parteċipazzjoni tagħhom f'fora soċjali u politiċi; u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' suċċessur tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Abilitazzjoni tan-Nisa fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp 2010 - 2015 (GAP).	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
	c. Il-promozzjoni u t-tiħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-abilitazzjoni tan-nisa, inkluż permezz ta' strateġija ġdida dwar opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel u ż-żieda tar-responsabbiltà, f'koerenza mal-politika ġenerali tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill

15. Il-promozzjoni, il-protezzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal	a. L-appoġġ għall-isforzi tal-pajjiżi sħab biex jipromwovu, jiproteġu u jħarsu d-drittijiet tat-tfal b'attenzjoni partikolari fuq it-tisħiħ ta' sistemi ta' protezzjoni tat-tfal biex it-tfal jiġu protetti kontra l-vjolenza, l-isfruttament, l-abbuż u n-negliġenza.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	b. L-appoġġ lill-pajjiżi sħab biex jipromwovu, jiproteġu u jħarsu d-drittijiet tat-tfal b'attenzjoni fuq id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali bħalma hu d-dritt għall-edukazzjoni, is-saħħa u n-nutrizzjoni, il-protezzjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-agħar forom ta' tħaddim tat-tfal, dejjem iggwidata mill-aħjar interessi tat-tfal.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	c. Il-promozzjoni tar-ratifika tal-Protokoll Fakultattivi għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal fir-rigward tal-involviment tat-tfal f'konflitti armati, il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal u l-konsiderazzjoni tal-adeżjoni mal-Protokoll Fakultattiv dwar il-proċedura ta' komunikazzjoni.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
16. Il-kultivazzjoni ta' ambjent nondiskriminatorju	a. L-iżvilupp ta' Sett ta' għodod tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, li jiddeskrivi għodod għal miżuri kontra d-diskriminazzjoni kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż forom multipli ta' diskriminazzjoni.	Sal-2016	SEAE, COM, Kunsill
	b. Il-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prassi mal-pajjiżi sħab dwar strateġiji u politiki għall-ġlieda kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM

	<p>c. L-appoġġ għall-isforzi tal-pajjiżi sħab u inizjattivi rilevanti tan-NU, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet reġjonali bil-għan li jiġu protetti u promossi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi u involviment mar-rappreżentanti tagħhom u s-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq dawn il-kwistjonijiet.</p>	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	<p>d. L-iżvilupp ulterjuri tal-politika tal-UE f'konformità mad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-dokument ta' eżitu tal-Konferenza Dinjija tal-2014 dwar il-Popli Indiġeni.</p>	Sal-2016	SEAE, COM, SM
	<p>e. It-tkomplija tal-ħidma fil-livell bilaterali kif ukoll dak multilaterali ma' pajjiżi terzi, b'kont meħud tal-fehmiet tas-soċjetà ċivili, għall-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra persuni LGBTI; iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni u l-ġestjoni proattiva ta' kwistjonijiet LGBTI minn persunal fil-Kwartieri Ġenerali, id-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri u l-intensifikazzjoni tal-appoġġ għal OSĊ lokali li jaħdmu fuq kwistjonijiet LGBTI.</p>	Għaddejjin bħalissa	SEAE, SM, Kunsill, COM
	<p>f. It-tiżiħ tal-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà fl-azzjoni esterna tal-UE permezz tal-promozzjoni ta' aċċess ugwali u t-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem minn persuni b'diżabbiltà f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCPRD) li għaliha hija parti l-UE; l-integrazzjoni tat-tħassib dwar id-diżabbiltà f'azzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp ta' azzjonijiet immirati lejn it-tneħħija tal-ostakoli għall-parteċipazzjoni ugwali tagħhom u t-titjib tal-inklużjoni soċjali tagħhom; l-appoġġ u t-tiżiħ tal-funzjonament ta' mekkaniżmi li jippromwovu, jiproteġu u jissorveljaw l-UNCPRD skont l-artikolu 33.2 tagħha inkluż l-istabbiliment tagħhom f'pajjiżi sħab; it-teħid ta' passi meħtieġa għall-adeżjoni tal-UE mal-Protokoll Fakultattiv għall-UNCPRD.</p>	Għaddejjin bħalissa	COM, SEAE, Kunsill, SM

	g. Iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni anzjani b'attenzjoni partikolari għad-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
17. It-trawwim ta' aġenda komprensiva biex tippromwovi d-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ESCR)	a. Iż-żieda tal-attenzjoni tal-UE fuq l-ESCR fil-politika esterna tagħha, inkluż fl-ipprogrammar tagħha ta' għajjnuna esterna, waqt li jiġi enfasizzat ukoll li d-drittijiet tal-bniedem huma indiviżibbli u marbuta flimkien; l-enfasi fuq ir-rikonoxximent ċar tad-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'oqsma bħall-politika soċjali, is-saħħa, l-edukazzjoni, l-aċċess għall-ikel u l-ilma, jew l-istandard tal-għajxien, il-promozzjoni u l-appoġġ għall-iżvilupp u kopertura akbar ta' pjattaformi nazzjonali dwar il-protezzjoni soċjali u l-implimentazzjoni gradwali ta' standards ogħla ta' garanziji soċjali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
	b. It-tisħiħ tal-bini tal-kapaċitajiet u l-iżvilupp ta' gwida politika u operazzjonali dwar id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali sabiex jiġi żgurat li l-persunal rilevanti kollu tal-UE u l-Istati Membri jkunu infurmati bit-trattati internazzjonali relatati mad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, b'mod partikolari dawk relatati mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol (konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO); il-konsiderazzjoni tal-adeżjoni mal-Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
	c. Iż-żieda fl-isforzi għall-protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem inkluż is-sħab soċjali, li jaħdmu biex jiddefendu d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, b'attenzjoni partikolari fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu għad-drittijiet tax-xogħol, kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem relatati mal-art, u l-popli indiġeni, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-ħtif tal-art' u t-tibdil fil-klima.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM

18. Progress dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem	a. L-iżvilupp tal-kapaċità u l-għarfien dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem (UNGPs) u għodod/inizjattivi oħra li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-UNGPs; it-tisħiħ tar-rwol u l-kompetenza esperta tad-Delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri f'dan il-kuntest; is-sensibilizzazzjoni għal UNGPs u r-responsabbiltà soċjali korporattiva fl-azzjoni esterna u d-djalogu politiku ma' gvernijiet sħab u organizzazzjonijiet reġjonali; il-promozzjoni tal-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (PAN) minn pajjiżi sħab; l-involvement proattiv ma' negozji, is-soċjetà ċivili, Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, dwar kwistjonijiet relatati man-negozju u d-drittijiet tal-bniedem.	Sal-2017	SEAE, COM, SM
	b. L-iżgurar li tingħata attenzjoni kbira lin-negozju u d-drittijiet tal-bniedem fl-istrateġija ġenerali tal-UE dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR) inklużi l-prijoritajiet għall-implimentazzjoni effettiva tal-Prinċipji Gwida tan-NU.	Sal-2016	COM, Kunsill, SEAE
	c. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali (PAN) dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji gwida tan-NU jew l-integrazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU fl-Istrateġija CSR nazzjonali; il-kondiviżjoni tal-esperjenza u tal-aħjar prassi fl-iżvilupp tal-PAN.	Sal-2017	SM
III. L-IŻGURAR TA' STRATEĠIJA KOMPRESIVA GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM GĦALL-KONFLITTI U L-KRIŻIJET			
19. Minn twissija bikrija għal azzjoni preventiva	a. Il-promozzjoni u l-aħjar użu tas-Sistema ġdida tal-UE ta' Twissija Bikrija ta' Konflitti bħala għodda għall-prevenzjoni ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, Kunsill, SM
	b. L-iżgurar ta' koerenza akbar fl-oqsma tar-rappurtar dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-twissija bikrija/analiżi tal-konflitti, inkluż billi jiġu indirizzati riskji tal-konflitti rilevanti fid-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u permezz ta' żieda fil-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.	Sal-2016	SEAE, SM

	c. L-appoġġ għal attivitajiet ta' monitoraġġ u tal-ġlieda kontra l-inkitament li jista' jwassal għal ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari delitti atroċi; appoġġ għal attivitajiet fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u l-estremiżmu vjolenti, billi jiġu identifikati l-kawżi fundamentali, l-iżvilupp ta' kontronarrattivi, l-edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, u inizjattivi ta' bini tal-paċi li għandhom fil-mira b'mod partikolari liż-żgħażaġħ u t-tfal.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	d. L-appoġġ għar-rwol tan-nisa fil-prevenzjoni tal-konflitti, medjazzjoni u l-bini tal-paċi.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	e. L-appoġġ għall-istabbiliment ta' programmi ta' prevenzjoni, rispons u riintegrazzjoni (fit-tul) għat-tfal affettwati minn konflitti armati b'kooperazzjoni ma' komunitajiet lokali, tfal u ġenituri affettwati (eż. appoġġ psikosoċjali, riintegrazzjoni soċjoekonomika, edukazzjoni u taħriġ tal-ħiliet għall-ħajja kif ukoll it-traċċar tal-familji u r-riunifikazzjoni).	Sal-2017	SEAE, COM, SM
20. It-titjib tal-kapaċità biex jiġu indirizzati l-konflitti u l-kriżijiet fuq livell multilaterali u reġjonali	a. It-tiħiħ tal-kooperazzjoni mal-Konsulent Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Prevenzjoni ta' Ġenoċidji u mal-Konsulent Speċjali tan-NU dwar ir-Responsabbiltà ta' Protezzjoni u l-appoġġ għalihom, kif ukoll atturi internazzjonali u reġjonali oħra u OSĊ involuti f'azzjoni preventiva.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	b. L-appoġġ għall-ħidma tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU għat-Tfal u l-Konflitti Armati u b'mod partikolari appoġġ għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' Pjani ta' Azzjoni sabiex jintemm u jiġu evitati vjolazzjonijiet serji kontra t-tfal affettwati minn konflitti armati, inkluż permezz ta' appoġġ u attivitajiet tal-ipprogrammar.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	c. L-appoġġ għax-xogħol tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU dwar il-Vjolenza Sesswali fil-Konflitti, għall-grupp ta' esperti tan-NU u l-Azzjoni tan-NU biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-isforzi internazzjonali kontra l-vjolenza sesswali u l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati ta' vjolenza sesswali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM

21. L-appoġġ għall-konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali (IHL)	a. Il-valutazzjoni u t-tisħiħ kif meħtieġ tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-promozzjoni tal-konformità mal-IHL fid-dawl tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar mekkaniżmu ta' konformità tal-IHL.	Sal-2016	SEAE, COM, Kunsill, SM
	b. Jittieħed kont tal-implimentazzjoni tal-wegħdiet tal-UE fil-31 konferenza tal-Moviment tas-Salib l-Aħmar, tħejjija għat-32 konferenza (Diċembru 2015) u segwitu sat-33 konferenza fl-2019.	Għaddejjin b'ħalissa	SEAE, Kunsill, SM
	c. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tad-diliġenza dovuta biex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-UE għall-forzi ta' sigurtà, b'mod partikolari fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, ikun konformi ma' u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u jkun konsistenti mal-promozzjoni, il-protezzjoni u l-infurzar tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, kif jista' jkun applikabbli.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill,
	d. Kull meta jkun rilevanti, il-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE, u rappreżentanti xierqa tal-UE, inklużi Kapijiet tal-Operazzjonijiet Ċivili tal-UE, Kmandanti tal-Operazzjonijiet Militari tal-UE u Rappreżentanti Speċjali tal-UE, għandhom jinkludu valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-IHL fir-rapporti tagħhom dwar Stat jew konflitt partikolari. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil informazzjoni li tindika li setgħu twettqu vjolazzjonijiet serji tal-IHL; fejn ikun vijabbli, dawn ir-rapporti għandhom ukoll jinkludu analiżi u suġġerimenti ta' miżuri possibbli li għandhom jittieħdu mill-UE.	Sal-2017	COM, SEAE, Kunsill, SM

22. It-tmiem tal-impunità, it-tiżni tar-responsabbiltà u l-promozzjoni u l-appoġġ għall-ġustizzja transizzjonali (TJ)	<p>a. It-tweġġ ta' evalwazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/168/PESK tal-21 ta' Marzu 2011 dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha; jiġi fformalizzat it-twaqqif ta' Roundtable tal-UE/QKI, li tippermetti lill-persunal rilevanti jidentifika oqsma ta' interess komuni, jagħmel skambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet rilevanti u jiżgura kooperazzjoni aħjar bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.</p>	Sal-2016	SEAE, COM, Kunsill, SM.
	<p>b. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika tal-UE dwar il-Ġustizzja Transizzjonali inkluż permezz ta' eżerċizzju ta' mmappjar biex jiġu identifikati l-esperjenzi, l-isfidi u tagħlimiet tal-UE fl-appoġġ tagħha għall-ġustizzja transizzjonali; provvediment ta' gwida konkreta u taħriġ għal persunal tal-UE fuq missjoni li jaħdem fil-ġustizzja transizzjonali, it-twaqqif ta' netwerk ta' persunal bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE u l-Istati Membri tal-UE, kif xieraq, għall-iskambju tal-aħjar prassi u t-trawwim tal-koerenza u l-konsistenza; żieda ta' monitoraġġ u rappurtar (inkluż permezz tal-Istrateġiji skont il-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) u li jippromwovv djalogu interreġjonali dwar il-ġustizzja transizzjonali biex titjieb il-kooperazzjoni bejn organizzazzjonijiet reġjonali.</p>	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
23. L-integrazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-fażijiet kollha tal-ippjanar, reviżjoni u t-tmexxija tal-PSDK	<p>a. L-iżvilupp ta' gwida operazzjonali speċifika għas-settur għal persunal f'missjonijiet tal-PSDK li jaħdmu mal-pulizija, fil-militar, servizzi tal-ħabsijiet u tal-ġudikatura, biex jingħataw orjentazzjoni Prattika dwar l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali, fejn ikun applikabbli, b'enfasi fuq il-protezzjoni ta' persuni ċivili b'mod partikolari tfal, u l-abilitazzjoni u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet.</p>	Sal-2017	SEAE, Kunsill, SM

	<p>b. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kodiċi komuni ta' kondotta għal missjonijiet ċivili tal-PSDK, inkluż permezz ta': taħriġ ta' qabel l-istazzjonar u ta' introduzzjoni għall-persunal, taħriġ speċifiku għall-missjoni għall-persunal stazzjonat, taħriġ speċjalizzat għall-persunal anzjan, sensibilizzazzjoni f' missjonijiet u għall-popolazzjonijiet lokali, u l-kumpilazzjoni ta' statistika dwar każijiet ta' ksur tal-kodiċi; it-teħid ta' passi simili biex jiġi żgurat għarfien akbar ta' standards ta' kondotta fost persunal stazzjonat f'operazzjonijiet militari, u biex jiżdied l-għarfien fil-komunitajiet lokali fejn jiġu stazzjonati missjonijiet/operazzjonijiet.</p>	Sal-2017	SEAE, Kunsill, SM
	<p>c. It-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni mill-UE ta' UNSCR 1325 u 1820 u r-risoluzzjonijiet ta' segwitu dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà billi jittieħed kont tar-Reviżjoni ta' Livell Għoli tan-NU u kwistjonijiet emerġenti (inklużi l-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti, it-traffikar tal-bnedmin) kif ukoll titjib tar-rappurtar ta' progress dwar l-Approċċ Komprensiv, l-adozzjoni ta' pjan strateġiku li jintegra l-prinċipji tal-UNSCR 1325 fiċ-ċiklu ta' ppjanar, implimentazzjoni u reviżjoni tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK u t-titjib tal-involviment u l-koordinazzjoni mal-Istati Membri kollha tal-UE.</p>	Sal-2016	SEAE, COM, Kunsill, SM,
IV. TRAWWIM TA' KOERENZA U KONSISTENZA AĦJAR			
24. Migrazzjoni/traffikar tal-bnedmin (THB)/faċilitazzjoni tad-dħul illegali tal-migranti/politiki dwar l-ażil	<p>a. F'konformità mal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM) u l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, it-tisħiħ tas-salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem fid-djalogi kollha dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà u oqfsa ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi Sħubijiet ta' Mobbiltà u Aġendi Komuni dwar il-Migrazzjoni u l-Mobbiltà, kif ukoll ftehimiet, proċessi u programmi relatati mal-migrazzjoni, inkluż permezz tal-analiżi tal-impatti tad-drittijiet tal-bniedem; tiġi żgurata l-introduzzjoni ta' elementi ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem fi proġetti ta' bini tal-kapaċitajiet mal-aġenziji tal-immigrazzjoni u l-aġenziji tal-fruntieri.</p>	Sal-2017	SEAE, COM, SM

	<p>b. Tibni fuq il-passi li diġà ttieħdu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra t-Traffikar, l-integrazzjoni sfiha tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tar-refuġjati u l-protezzjoni tal-vittmi f'diskussjonijiet dwar it-Traffikar tal-Bnedmin (THB) fi djalogi politiċi, dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà, dwar is-sigurtà u d-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi prijoritarji, u ma' organizzazzjonijiet u donaturi internazzjonali u reġjonali li joperaw f'dawk il-pajjiżi prijoritarji; id-Delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi prijoritarji ser jagħmlu użu sfih mill-persuna ta' kuntatt maħtura tagħhom dwar it-traffikar tal-bnedmin, u jqajmu kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem f'diskussjonijiet dwar it-traffikar tal-bnedmin mal-awtoritajiet tal-pajjiżi ospitanti; il-promozzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin relatati mat-traffikar tal-bnedmin u l-kwistjoni tax-xogħol furzat.</p>	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	<p>c. L-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem assoċjati mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni permezz ta' djalogi politiċi, dwar id-drittijiet tal-bniedem u oħrajn ma' pajjiżi sħab; inkoraġġiment lid-Delegazzjonijiet tal-UE biex jagħmlu użu sfih mir-riżorsi tagħhom biex jiżguraw li l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni u d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tagħha jiġu indirizzati b'mod konsistenti fil-kooperazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet tal-pajjiż ospitanti kif ukoll mas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet internazzjonali u donaturi oħra.</p>	Sal-2017	SEAE, SM
	<p>d. L-appoġġ lill-pajjiżi sħab biex jippromwovu u jipproteġu d-drittijiet tar-refuġjati u persuni spostati internament (IDPs), inkluż permezz ta' bini ta' kapaċitajiet u l-promozzjoni tar-ratifika tal-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati tal-1951 u l-Protokoll tal-1967.</p>	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM
	<p>e. L-appoġġ għall-aċċess imtejjeb għall-ġustizzja u s-saħħa għal migranti fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu; promozzjoni ta' kondizzjonijiet imtejjba ta' detenzjoni għall-migranti detenuti u alternattivi għall-użu ta' detenzjoni għall-migranti irregolari f'pajjiżi terzi; tingħata attenzjoni partikolari f'dan ir-rigward lil migranti vulnerabbli inklużi minorenni mhux akkumpanjati.</p>	Għaddejjin bħalissa	COM, SEAE, SM

	f. L-impenn ma' komunitajiet tad-dijaspora kemm fl-UE kif ukoll f'pajjiżi ta' destinazzjoni li mhumiex fl-UE biex fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom jiġi promoss l-għarfien ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem iffaċċjati mill-migranti u r-refuġjati f'pajjiżi ta' tranżitu, u jiġu appoġġati sforzi minn gruppi tad-dijaspora biex jindirizzaw kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom.	Sal-2017	SEAE, COM, SM
	g. L-identifikazzjoni tal-pajjiżi ta' oriġini fejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jaġixxi bħala fattur ewlieni li jikkawża l-immigrazzjoni, u jiġi mmirati aħjar id-djalogi politiċi u oħrajn u programmi sabiex jindirizzaw dan il-ksur.	Sal-2016	SEAE, COM, SM
	h. It-tkomplija tal-indirizzar tal-kwistjoni tal-apolidija f'relazzonijiet ma' pajjiżi ta' prijorità; l-isforzi jiffukaw fuq il-prevenzjoni tal-emerġenza ta' popolazzjonijiet apolidi bħala riżultat ta' konflitt, spostament u xoljiment ta' stati.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
25. Politika ta' investment/kummerċ	a. Il-provvediment ta' appoġġ għal implimentazzjoni effettiva, l-infurzar u l-monitoraġġ ta' impenji tal-benefiċjarji tal-GSP+ (trattati rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem u konvenzjonijiet tal-ILO), inkluż permezz ta' proġetti ma' korpi internazzjonali ewlenin u s-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM
	b. It-tkomplija ta' żvilupp ta' approċċ robust u metodoloġikament sod għall-analiżi tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem ta' ftehimiet kummerċjali u ta' investment, valutazzjonijiet tal-impatt ex ante, valutazzjoni tal-impatt għas-sostenibbiltà u evalwazzjonijiet ex post; esplorazzjoni ta' modi biex tiġi estiża analiżi kwantitattiva eżistenti fil-valutazzjoni tal-impatt ta' inizjattivi ta' kummerċ u investment fuq id-drittijiet tal-bniedem.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill, SM
	c. L-Istati Membri tal-UE jagħmlu ħilithom biex jinkludu fi Trattati Bilaterali ta' Investment (BITs) ġodda jew riveduti li jinnegozjaw ma' pajjiżi terzi fil-futur dispożizzjonijiet marbuta mar-rispett u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, f'konformità ma' dawk imdaħħla fi ftehimiet innegozjat fil-livell tal-UE.	Għaddejnin bħalissa	SM

	<p>d. L-għan li b'mod sistematiku r-rispett ta' prinċipji u linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva, bħal dawk li jinsabu fil-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, il-Patt Globali tan-NU, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem (UNGP), id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li jikkonċernaw l-intrapriżi multinazzjonali u l-politika soċjali, u ISO 26000, jiġi inkluż fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE .</p>	Għaddejnin bħalissa	COM
	<p>e. Ir-reviżjoni regolari tar-Regolament dwar il-kummerċ ta' oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali jew it-tortura (1236/2005), u tar-Regolament dwar Oġġetti ta' Użu Doppju (428/2009) sabiex jittaffew ir-riskji potenzjali assoċjati mal-esportazzjoni bla kontroll ta' prodotti tal-ICT li jistgħu jintużaw b'mod li jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.</p>	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM
26. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu (CT)	<p>a. L-iżgurar li d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jiġu rispettati b'mod sħiħ fl-implimentazzjoni tal-azzjoni komprensiva tal-UE kontra t-terroriżmu skont l-Istrateġija tal-UE tal-2005 Kontra t-Terroriżmu u li jkunu fil-qalba tal-programmi, il-leġislazzjoni, il-politiki u l-mekkaniżmi kollha dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu f'pajjiżi terzi filwaqt li tiġi żgurata wkoll il-konformità mal-IHL, kif xieraq, u li ssir possibbli azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji.</p>	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
	<p>b. L-iżgurar ta' disseminazzjoni wiesgħa tal-gwida tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż b'involvement f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ tal-professjonisti fil-qasam, b'mod partikolari għal attivitajiet implimentati taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi.</p>	Sal-2016	SEAE, COM

27. L-insegwiment ta' Approċċ għall-Iżvilupp Ibbażat fuq id-Drittijiet (RBA – Rights Based Approach)	a. L-implimentazzjoni tal-impenn tal-UE li timxi lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp, li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem, billi taħdem għall-integrazzjoni sħiħa tiegħu fl-istrumenti u l-attivitajiet kollha tal-UE għall-iżvilupp, bl-użu ta' taħriġ u gwida, appoġġ għall-kapaċitajiet, linji gwida ta' monitoraġġ orjentati lejn ir-riżultati u kriterji għall-evalwazzjoni bil-ħsieb li tinkiseb integrazzjoni sħiħa fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp fl-2016 bil-għan tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu; l-Istati Membri tal-UE ser jaħdmu biex iżidu l-integrazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fil-politiki tagħhom ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.	Sal-2016	COM, SEAE, Kunsill, SM
	b. Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Anness 12 tal-Politika dwar l-Appoġġ Baġitarju tal-UE tal-2012 li twaqqaf valutazzjoni tal-Valuri Fundamentali bħala element essenzjali għall-appoġġ tal-baġit, u b'mod partikolari f'dan il-kuntest l-integrazzjoni sħiħa ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet f'Kuntratti ta' Riforma Settorjali.	Sal-2017	COM, SEAE
	c. L-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jkompli jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet f'attivitajiet esterni mhux relatati mal-żvilupp; kontribut għad-diskussjonijiet dwar id-dritt għall-iżvilupp; valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem tal-Aġenda għall-Iżvilupp għal wara l-2015.	Sal-2017	COM, SEAE, SM
28. It-tiżni tal-kontribut tal-valutazzjonijiet tal-impatt (VI) għar-rispett tad-Drittijiet tal-Bniedem	a. Tibni fuq il-valutazzjoni tal-impatt eżistenti tal-azzjonijiet tal-UE fuq id-drittijiet fundamentali, tkomplija fit-titjib tal-inkorporazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni għall-proposti b'effett estern u impatti x'aktarx sinifikanti fuq id-drittijiet tal-bniedem; l-iżvilupp ta' aktar gwida dwar l-analiżi tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem, it-tiżni tal-għarfien espert u l-kapaċitajiet għal dan it-tip ta' analiżi u l-iżgurar ta' konsultazzjonijiet robusti mal-gruppi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti esposti għal riskji kbar għad-drittijiet tal-bniedem.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM

	b. L-inkorporazzjoni tal-analiżi tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-evalwazzjonijiet ex post mill-Kummissjoni tal-interventi tal-UE b'effetti esterni.	Għaddejjin bħalissa	COM, SEAE
	c. L-iżgurar ta' koerenza ta' politika bejn l-analiżi tal-impatti fuq id-drittijiet tal-bniedem imwettqa f'Valutazzjonijiet tal-Impatt u strumenti ta' politika oħra relatati mad-drittijiet tal-bniedem, inklużi strateġiji tal-pajjiżi tad-drittijiet tal-bniedem, djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u appoġġ baġitarju/programmar ta' strumenti ta' finanzjament, bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-impatti negattivi potenzjali identifikati u jiġu massimizzati dawk pożittivi.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM
POLITIKA TA' APPOĠĠ TAL-UE AKTAR EFFETTIVA GĦAD-DRITTIJET TAL-BNIEDEM U D-DEMOKRAZIJA			
29. Inżidu l-effettività tad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem	a. Tiżviluppa, tikkondividi u tibni fuq l-aħjar prassi identifikata għad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, inklużi proċessi ta' segwitu.	Sal-2017	SEAE, Kunsill
	b. L-iżgurar li l-kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija jitqiesu fid-diversi djalogi settorjali ma' pajjiż sieħeb u b'hekk ikunu jagħmlu parti mill-istrateġija bilaterali globali.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, Kunsill
	c. L-iżgurar tal-koordinazzjoni interna-esterna fil-kuntest tad-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-djalogu UE-OSĊ annwali; definizzjoni u indirizzar ta' għadd ta' kwistjonijiet prijorarji tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-kuntest tad-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem esterni li tista' tiġi pprovduta reazzjoni aħjar tal-UE dwarhom.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill, SM

	d. It-tkomplija tal-integrazzjoni tal-kooperazzjoni fil-fora tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u oħrajn bilaterali fid-djalogu u l-kooperazzjoni bilaterali marbutin mad-drittijiet tal-bniedem u ma' kwistjonijiet politiċi; ħidma għal kooperazzjoni iktar mill-qrib u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet konġunti, b'mod partikolari ma' sħab strateġiċi; tkomplija tal-persjoni għal ħarsien universali ta' standards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp ta' gwida għall-użu sistematiku ta' osservazzjonijiet, rakkomandazzjonijiet kif ukoll rapporti ta' konklużjoni tal-korpi ta' monitoraġġ tat-trattat, l-Eżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u proċeduri speċjali.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
	e. L-istabbiliment u l-valutazzjoni ta' prioritajiet, objettivi, modalitajiet, indikaturi tal-progress għad-djalogi u konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE, sabiex jiġi ffaċilitat ir-rieżami tagħhom.	Sal-2017	SEAE, Kunsill
30. It-titjib fil-viżibbiltà u l-impatt ta' Strateġiji skont il-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (HRCS)	a. It-tnedija tat-tieni ċiklu ta' Strateġiji skont il-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-lezzjonijiet meħudin mill-ewwel ċiklu inkluża l-ħtieġa li jiġu kkonsultati s-soċjetà ċivili, u l-importanza ta' diplomazija pubblika.	2015/2016	SEAE, COM, SM, Kunsill
	b. L-integrazzjoni tal-prioritajiet u analiżi tad-demokrazija tal-HRCS fi djalogi politiċi, ir-rappurtar u ż-żjarat ta' livell għoli.	Għaddejnin bħalissa	
	c. L-iżgurar ta' segwitu għall-HRCS permezz ta' rapporti ta' implimentazzjoni annwali konġunti li għandhom jiġu ppreżentati lill-korpi rilevanti tal-Kunsill.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, Kunsill, SM
	d. L-iżgurar li l-programmi ta' assistenza tal-UE u tal-Istati Membri jqisu u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' prioritajiet HRCS.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM

31. L-iffokar fuq implimentazzjoni effettiva tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem	a. L-intensifikazzjoni tas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid tal-Linji Gwida tal-UE u dokumenti ta' gwida relatati kif ukoll it-taħriġ tal-persunal fid-Delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri, inkluż fil-livell tal-Ambaxxaturi.	Sal-2017	COM, SEAE, SM
	b. Is-sistematizzar tar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida u l-introduzzjoni ta' logbooks dwar l-azzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet tematiċi speċifiċi f'pajjiżi sħab, biex jiġi żgurat segwitu aktar sistematiku għal każijiet individwali u biex jiġi promoss l-iskambju regolari tal-aħjar prassi fl-implimentazzjoni tal-Linji Gwida.	Sal-2016	COM, SEAE, SM
32. L-immassimizzar tal-impatt ta' Osservazzjoni Elettorali	a. Appoġġ u impenn ġdid għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Prinċipji (DOP) għall-Osservazzjoni Elettorali Internazzjonali u jikkooperaw mill-qrib ma' organizzazzjonijiet li qegħdin japplikaw id-DOP fil-metodoloġija tal-osservazzjoni, bħal ODHIR.	Sal-2016	SEAE, COM, Kunsill, SM
	b. Il-konsolidazzjoni tal-aħjar prassi għal effett ta' lieva tar-rakkomandazzjonijiet tal-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE u l-Missjonijiet ta' Osservazzjoni Elettorali OSKE/ODHIR fi djalogi politiċi tal-UE u l-Istati Membri tal-UE u l-attivitajiet li jappoġġaw id-demokrazija.	Għaddejnin bħalissa	SEAE, COM, SM
	c. It-tiŝhih tal-ippjanar fit-tul u l-implimentazzjoni integrata tal-aspetti kollha ta' appoġġ tal-UE u tal-Istati Membri għaċ-ċiklu elettorali, billi jiġu esplorati mekkaniżmi ta' twassil ta' għajnuna innovattivi.	Sal-2017	SEAE, COM, SM

33. L-iżgurar tal-użu effettiv u l-aħjar interazzjoni bejn il-politiki, l-għodod u l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE	a. Żieda fil-koerenza u l-komplementarjetà tal-għodod, l-istrumenti ta' finanzjament u l-mekkaniżmi ta' rappurtar eżistenti tal-UE użati li jintużaw biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u tiġi appoġġata d-demokrazija (eż. l-EIDHR, il-HRCS, analiżi tad-demokrazija u pjanijiet ta' azzjoni, rapporti minn osservazzjoni elettorali, assistenza elettorali u missjonijiet ta' segwitu, Rapporti ta' Progress dwar it-Tkabbir, ir-rapporti ta' progress tal-PEV u pjanijiet ta' azzjoni, pjanijiet direzzjonali għall-involviment tas-soċjetà ċivili, valutazzjonijiet ta' valuri fundamentali għal Governanza Tajba u Kuntratti ta' Żvilupp, oqfsa tal-ġestjoni tar-riskju għall-appoġġ baġitarju), filwaqt li jitqiesu l-proċeduri ta' reviżjoni mwettqa għal dawk l-istrumenti.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill
	b. It-tiġid tal-analiżi u l-appoġġ tad-demokrazija abbażi tat-tagħlimiet meħuda u l-lakuni li ġew identifikati mill-1 u t-2 ġenerazzjoni tal-eżerċizzju pilota ta' appoġġ għad-demokrazija u t-tiġid tal-kapaċità tad-delegazzjonijiet tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE biex jaħdmu fuq id-demokrazija b'mod koerenti.	Sal-2017	SEAE, COM, Kunsill, SM
	c. Aktar żvilupp ta' metodi ta' ħidma sabiex tiġi żgurata l-aħjar artikulazzjoni bejn id-djalogu, appoġġ immirat, inċentivi u miżuri restrittivi.	Għaddejjin bħalissa	SEAE, COM, SM

	<p>d. Żieda fil-koerenza bejn l-oġġettivi tad-drittijiet tal-bniedem kif definiti fil-Pjan ta' Azzjoni u strateġiji skont il-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ipprogrammar tal-assistenza tal-UE u l-Istati Membri dwar id-drittijiet tal-bniedem; konsiderazzjoni tal-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni ta' proġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem u l-użu tagħhom fil-mekkaniżmi kollha ta' taġġim konġunt.</p>	<p>Għaddejjin bħalissa</p>	<p>SEAE, COM, SM</p>
	<p>e. It-titjib tal-koerenza fl-applikazzjoni ta' klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem li jiġu sistematikament inklużi fil-ftehimiet internazzjonali ġodda kollha tal-UE.</p>	<p>Sal-2017</p>	<p>SEAE, COM</p>
	<p>f. L-appoġġ għall-iżvilupp li għaddej ta' indikaturi tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-OHCHR bil-għan li: (i) jiġi ffaċilitat il-kejl tar-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-pubblikazzjoni online tal-indikaturi fil-livell globali, u (ii) is-sistematizzazzjoni tal-kompilazzjoni u l-użu ta' data dwar id-drittijiet tal-bniedem u valutazzjoni tal-aħjar prassi u t-taġġimiet meħuda.</p>	<p>Sal-2017</p>	<p>SEAE, COM, Kunsill, SM</p>
	<p>g. L-involviment b'mod sistematiku man-NU u mal-organizzazzjonijiet reġjonali (eż. l-UA, l-OAS, LAS, il-KtE, l-OSKE, l-ASEAN, is-SAARC, PIF) dwar l-aħjar prassi għad-drittijiet tal-bniedem u t-tiżni tad-demokrazija fir-reġjuni kollha.</p>	<p>Għaddejjin bħalissa</p>	<p>SEAE, COM, SM</p>

34. It-titjib tad-diplomazija pubblika u l-komunikazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem	a. Titjib tal-aċċessibilità u l-viżibbiltà tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem billi jsir użu aktar effettiv tal-Internet u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, inkluż permezz ta' aktar preżenza u preżenza aktar konsolidata fuq l-Internet.	Sal-2016	SEAE, COM, Kunsill, SM
	b. Komunikazzjoni aħjar fil-livell ta' pajjiż biex jilħqu u jimpenjaw ruħhom mas-soċjetà ċivili u l-pubbliku rigward prijoritajiet u attivitajiet speċifiċi għall-pajjiżi marbutin mad-drittijiet tal-bniedem	Sal-2016	SEAE, COM, Kunsill, SM